# Il-Kult ta' San Bartilmew f'Malta u Għawdex

### Tarxien - San Bartilmew



Ġo Ħal-Tarxien insibu wkoll kappella ħelwa ddedikata lil San Bartilmew u lill-Madonna tal-Buon Kunsill. Din il-kappella bdiet tinbena fl-1776 u damet tnax-il sena tinbena. Wara disa' snin din tbierket (1797) mill-Isqof Labini u ġiet ddedikata lil San Bartilmew u lill-Madonna tal-Buon Kunsill kif xtaq min iffinanzja l-flus għax-xogħol kollu. Din il-kappella llum tintuża biex kuljum tkun miftuħa għall-Adorazzjoni tas-sagrament. F'din il-kappella wkoll jista' jiġi ċċelebrat is-sagrament taż-żwieġ. Il-Festa ta' San Bartilmew issir fl-24 t'Awwissu kull sena.



Il-pittura ta' San Bartilmew fuq l-Artal maġġur tpittret mill-pittur Rokku Buhagiar fl-1776. San Bartilmew hawn qiegħed imlibbes b'anġlu ħdejh iżomm sikkina u hu qiegħed iħares lejn is-sena fejn hemm żewġ Anġli jistennewh.

### Sar Bartilmew fiż-Żurrieq



Il-kappella ta' San Bartilmew Appostlu li għadna naraw illum inbniet fl-istess post fejn kien hemm il-kappella l-antika li kellha l-istess isem bħal dik tal-lum. Il-kappella l-qadima kienet inbniet fl-1482, hija kienet fi stat ħażin u għalhekk fl-24 ta' Nivembru fl-1658 l-Isqof Balaguer ipprofanha.

Wara li kien ipprofanha, in-nies ħasbu biex jerġgħu jibunha fix-Xarolla. L-ewwel ġebla tagħha tqegħdet fit-18 ta' Ottubru fl-1757. Ix-xogħol fuq il-kappella ta' San Bartilmew intemm wara għaxar snin u fil-11 ta' Jannar fl-1784 tbierket solennament mill-Kappillan Dun Ġużepp Agius, maħtur bħala delegat minn Mons. Isqof Labini.

Din il-kappella għandha tliet Artali u koppla li hija mżejna bi skultura mill-isbaħ, xogħol tal-aħwa Fabri fis-seklu XVIII. Din il-kappella hija magħrufa aħjar bħala tax-Xarolla minħabba l-lok li hija mibnija fuqu.

**Sar Bartilmew Rabat Malta**

Fir-Raħal sabiħ u rikk fl-arkitettura, fil-kultura u f'katakombijiet mill-aktar interessanti nsibu wkoll kappella ddedikata lil San Bartilmew. Din tinsab fi Triq Zondadari u hija l-aktar magħrufa bħala l-kappella tal-Adorazzjoni.

N.B. Sal-mument li qiegħed nikteb għadni priv minn informazzjoni dwarha.

**Kappella tal-Madonna tal-Ħnien u San Bert - Xewkija Għawdex**



Fi triqtek minn Għajnsielem għar-Rabat Għawdex bilfors trid tgħaddi mir-raħal tax-Xewkija.

Eżatt kif jibda r-raħal tax-Xewkija ssib kappella mdaqqsa bejn żewġ toroq. It-triq fuq il-lemin tiegħu għar-Rabat waqt li dik fuq ix-xellug twasslek sa ħdejn ir-Rotunda tax-Xewkija u fiċ-ċentru tar-raħal.

Ta' min jgħid li għalkemm din il-kappella hija magħrufa bħal tal-Madonna tal-Ħniena, filfatt hija ddedikata lil San Bartilmew martri.

Skont l-istoriku Achille Ferris l-ewwel kappella lil San Bert kienet teżisti fl-1397 u kienet ftit aktar lura fit-triq. Din kienet inqerdet fl-attakk fuq Għawdex mit-Torok fl-1551. Pero' din reġgħet inbniet fl-1643 u wara ħmistax-il sena kienet ġiet desagrata. Il-kappella kienet reġgħet ġie ikkonsagrata fl-1647 mill-Isqof Astiria u bil-familja Pontremoli tiehu ħsiebha.



Fis-sena 1895 din il-Kappella għaddiet f'idejn il-parroċċa tax-Xewkija u kienet tinfetaħ fil-Ħdud u fil-festa ta' San Bert biss, pero fis-sena 1933 beda jieħu ħsiebha Dun Ġwann Attard u taħt il-kura tiegħu din għaddiet minn taqlib kbir. Il-knisja tkabbret u is-sagristija u l-bitħa ta' wara tkabbru wkoll. Il-kappella issa bdiet tinfetaħ kuljum filgħodu u filgħaxija l-ġimgħa kollha biex taqdi l-bżonnijiet spiritwali tan-nies tal-inħawi u hekk għada sal-lum, taħt il-ħarsien tas-sorijiet Dumnikani.

Il-Festa ta' San Bert tiġi ċċelebrata fl-24 t'Awwissu kull sena.

***Is-Sur Toni Borg***
***L-Informazzjoni miġbura mill-Internet***
***(kappellimaltin.com)***